MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 466/2009

**Valletta Gateway Terminals Limited (C-83333)**

**Vs**

**Medsea Shipping Agency Limited f'isimha proprio u bhala agent tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att promoturipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta proprio et nomine tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hamest elef mitejn tmienja u tmenin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5,288.22) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi minnha fuq ordnijiet tas-socjetà konvenuta u dana kif jirrizulta mill-fatturi annessi ma' l-att promotur u markati Doks. "A", "B" u "C", liema hlasijiet is-socjetà konvenuta debitament interpellata tirrifjuta li thallas minghajr raguni valida fil-Ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali bin-Numru

4229/08 datata 10 ta' Ottubru 2008, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2009 permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament, is-socjetà konvenuta kif imharrka mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma in parte perenti ai termini ta' l-Artikolu 544(d) tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (iii) fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat ir-Rikors tas-socjetà attrici pprezentat fis-26 ta' Jannar 2010 permezz ta' liema talbet li l-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u fl-atti l-ohra sussegwenti billi wara l-kliem "Medsea Shipping Agency Limited" jidhlu l-kliem "f'isimha proprju u bhala agent tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia". Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta fejn oggezzjonat ghal u opponiet it-talba tas-socjetà attrici. Rat id-Digriet tal-25 ta' Frar 2010 permezz ta' liema it-talba tas-socjetà attrici ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u fl-atti l-ohra sussegwenti fis-sens minnha premess giet milqugha;

Rat illi r-Rikors promotur kif korrett gie notifikat mill-gdid lis-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta pprezentata mis-socjetà konvenuta fil-5 ta' April 2010 permezz liema teccepixxi li: (i) preliminarjament, in-nullità ta' l-att promotur ghaliex ai termini ta' l-Artikolu 171 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandha ssir b'rikors u mhux avviz; (ii) preliminarjament, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjetà konvenuta ghall-parti mill-amont mitlub ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u dwaru ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (iii) preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici huma in parte perenti ai termini ta' l-Artikolu 544(d) tal-Kap.13 tal-

Ligijiet ta’ Malta; (iv) fil-mertu u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u li (v) fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghal dak già eccepit, is-socjetà konvenuta ma ghadhiex agenta tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia, u kienet agiet biss ta’ agent u la issa u lanqas meta intalab hlas minnha mill-attrici, qatt ma kellha fondi appartenenti lill-bastimenti Fehim Bay u Antonia;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tan-nullità ta’ l-att promotur li bih is-socjetà attrici istitwiet dawn il-proceduri fil-konfront tas-socjetà konvenuta sollevata mill-istess socjetà konvenuta fir-Risposta taghha tal-5 ta’ April 2010;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta pprezentata fit-30 ta’ Gunju 2010 u rat in-Nota ta’ Sottoissjonijiet tas-socjetà attrici pprezentata fil-15 ta’ Lulju 2010;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta f’isimha propio u bhala agent tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €5,288.22, rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi minnha fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta u dana skond fatturi li gew annessi ma’ l-att promotur u markati bhala Doks. “A”, “B” u “C”[1], bl-ispejjez giudizzjarji w imghaxijiet legali kontra s-socjetà konvenuta. Is-socjetà konvenuta tilqa’ ghat-talba attrici b’diversi eccezzjonijiet, fosthom bl-eccezzjoni preliminari li l-att promotur li bih inbdew dawn il-proceduri fil-konfront taghha huwa null ghaliex ai termini ta’ l-Artikolu 171 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandha ssir b’rikors u mhux b’avviz. Hi din l-eccezzjoni li qed tigi trattata u deciza b’din is-sentenza.

[1] Fol. 2 sa’ 23 tal-process.

In sostenn tal-kontestazzjoni taghha s-socjetà konvenuta taghmel referenza ghad-diversi artikoli tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta [Artikolu 125(2), Artikolu 171(1) u Artikolu 213] li jipprovdu li proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha ghandhom jigu istitwiti permezz ta' rikors u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha tikkontendi li *l-att promotur illi bih inbdew il-proceduri odjerni huwa "Avviz", u dana kien hekk kemm fl-ewwel verzjoni kif ukoll fit-tieni verzjoni fejn saret iz-zieda tal-kliem "f'isimha proprju u bhala agent tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia". Ghalkemm fil-formula, fin-naha ta' fuq nett, xellug tal-formula hemm il-kliem "Rikors Numru", id-deskrittur principali tal-att huwa tabilhaqq fejn hemm il-kelma "AVVIZ" taht l-intestatura tal-Qorti. Normalment, il-kelma "AVVIZ" tigi imhassra mir-registratur u sostitwita bil-kelma "Rikors" … Il-proceduri odjerni inbdew numru ta' snin wara li s-subartikoli fuq imsemmija kienu gew emendati ghal kif inhuma llum. Ghaldaqstant l-att promotur imressaq mill-attrici huwa null ghaliex nieqes minn partikolarità essenzjali rikjesta mill-ligi (artikolu 789.I.d tal-Kap. XII)*[2].

Da parte taghha s-socjetà attrici ssostni li din l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta ghandha tigi michuda ghaliex: (a) ghalkemm l-Artikolu 171 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha ghandhom jitmexxew b'rikors, jiddisponi wkoll li dan ir-rikors ikun skond l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur u ghalhekk *il-kelma "Avviz" hija indirizzata ghal min huwa intiz bhala r-ricevitur tal-kawza u la hija intiza biex tkun deskrittur principali ta' l-att innifsu u lanqas sabiex tissodisfa d-dettami tal-artikolu 125 subinciz 1 jew tal-artikolu 171 subinciz 1. Dan huwa korroborat mill-fatt, koncess anke mis-socjetà konvenuta fin-nota taghha, illi fil-formola provduta mir-Registratur, fin-naha ta' fuq nett tax-xellug, hemm il-kliem "Rikors Numru …/…"*; (b) il-kelma "Avviz" kif tidher fuq l-att promotur ma tistax tigi kkancellata u minflok titnizzel il-kelma "Rikors" ghaliex dan hu pprojbit

[2] Fol. 52 tal-process.

*proprju ghaliex il-formola provduta u uzata hija in linea mal-formola "standard" preskritta mill-Kapitolu 12 (f'pagna 320). L-ahhar emenda ghal din il-formola "standard" saret fis-sena 2007 u cioè wara l-emendi li saru ghall-artikoli ccitati mis-socjetà konvenuta fin-nota taghha, u ghalhekk li kieku l-legislatur ried li l-kelma "Avviz" tigi sostitwita bil-kelma "Rikors" kien jindikaha f'din il-formola, haga però li m'ghamilx. Huwa mandatarju ghalhekk li l-formola tibqa' kif dettata mill-legislatur u provduta mir-Registratur li ghalhekk ma hassx il-htiega li jaghmel kancellamenti jew sostituzzjonijiet fuqha u s-socjetà esponenti ma kellha ebda dritt jew awtorizzazzjoni, kif qed jigi suggerit fin-nota, li teffetwa l-korrezzjoni fuq l-att innifsu*. *Illi konsegwentement l-artikolu 789 subinciz (1)(d) tal-Kapitolu 12 ma huwiex applikabbli ghaliex il-formola hija identika ghal dik preskritta mill-legislatur f'Kapitolu 12 u cioè konformi mad-dettami tal-Ligi stess, u ghalhekk ma hemm l-ebda partikolarità essenzjali mehtiega mil-ligi li hija nieqsa*; (c) fi kwalunkwe kaz il-gurisprudenza nostrali hija dejjem propensa sabiex tiskarta l-formalizmu ezagerat u tfittex sabiex issalva s-sostanza ta' l-azzjoni, kif jirrizulta b'mod car mill-import ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghaliex (d) is-socjetà konvenuta kif imharrka l-ewwel darba ma ssollevatx l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att promotur u b' hekk accettat il-proceduri odjerni w issa ma tistax tressaq tali eccezzjoni *anke jekk regghet giet imharrka f'vesti differenti, stante li effettivament is-socjetà konvenuta baqghet identika ghal dik imharrka l-ewwel darba u kien biss il-vesti taghha li gie kjarifikat*[3]*.*

Fil-fehma tal-Qorti qabel ma tigi trattata l-kwistjoni dwar jekk l-att promotur ipprezentat mis-socjetà attrici huwiex null jew inkella le, jehtieg li tigi trattata s-sottomissjoni ta' l-istess socjetà attrici li ladarba s-socjetà konvenuta ma ssollevatx l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att promotur fir-Risposta pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2009, ma setghetx tissollevaha fir-Risposta pprezentata fil-5 ta' April 2010.

[3] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 54 sa' 55 tal-process.

Ghalkemm huwa minnu li s-socjetà konvenuta kienet u baqghet il-parti mharrka f'dawn il-proceduri, anke jekk issa giet imharrka wkoll bhala agent tal-bastimenti Fehim Bay u Antonia, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjetà attrici li ghaliex l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att promotur ma gietx sollevata mis-socjetà konvenuta fl-ewwel Risposta taghha din giet li accettat il-proceduri odjerni kif pprezentati bil-konsegwenza li ma setghetx tissoleva tali eccezzjoni fit-tieni Risposta taghha.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-eccezzjonijiet dilatorji – bhalma certament hi l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att promotur – ghandhom jigu sollevati *in limine litis*. Fil-kaz in ezami ma hemm ebda dubju li ghalkemm din l-eccezzjoni giet sollevata mis-socjetà konvenuta fit-tieni Risposta taghha, xorta wahda giet sollevata *in limine litis* u ghalhekk il-Qorti ma tara li hemm ebda ostakolu biex din l-eccezzjoni tigi sollevata mis-socjetà konvenuta u konsegwentement ikkunsidrata u determinata Minnha.
Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi determinat il-qofol ta' l-eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta, u cioè jekk l-att promotur li bih giet istitwita l-azzjoni odjerna fil-konfront taghha huwiex null.

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet kontendenti li l-att promotur li bih jinbdew proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha huwa fil-fatt formula provduta mir-Registratur tal-Qorti.

L-Artikolu 1007 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar l-uzu tal-formuli fil-Qrati, jipprovdi li *fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici. Fil-qrati inferjuri, ghandhom jitharsu, sakemm jistghu jghoddu ghalihom, il-formuli tal-qrati superjuri, billi jsir fihom dawk il-korrezzjonijiet jew tibdil li jaghmilhom jaqblu ghall-qrati inferjuri. Il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' b'regolamenti jemeda, jissostitwixxi jew izid mal-formuli li jinsabu fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici*. L-import ta' dan l-artikolu tal-Ligi huwa car: biex l-att li jigi utilizzat

minn parti fil-kuntest ta' proceduri quddiem il-Qrati – kemm dawk ta' gurisdizzjoni superjuri kif ukoll dawk ta' gurisdizzjoni inferjuri – jitqies validu, necessarjament ghandu jkun skond il-forma preskritta fil-Ligi u fil-kaz specifiku ta' formuli, skond il-formuli preskritti fl-Iskeda B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-Iskeda B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta nsibu dik il-formula li l-Legislatur irid li tigi utilizzata bhala l-att promotur biex tigi istitwita azzjoni giudizzjarja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha. Din hija l-formula numru 31 f'pagna 326 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u minn paragun ta' din il-formula ma' l-att promotur ipprezentat mis-socjetà attrici jirrizulta immedjatament evidenti li l-formula uzata mill-imsemmija socjetà hi dik preskritta mill-Legislatur. B'hekk kontra dak pretiz mis-socjetà konvenuta l-att promotur li bih is-socjetà attrici istitwiet l-azzjoni odjerna fil-konfront taghha ma huwiex null.

Konferma ulterjuri tal-fatt li l-att promotur ipprezentat mis-socjetà attrici huwa konformi mal-forma preskritta mill-Legislatur tirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet li, kif korrettament rilevat mis-socjetà attrici, jipprovdi li *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skond l-ghamla preskritta u* ***jsir fl-ghamla ta' avviz semplici iffirmat mir-Registratur****, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jkum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu minn zmien ghal zmien jigu preskritti.* Hu evidenti li ghalkemm il-process quddiem din il-Qorti ghandu skond il-Ligi jinbeda b'rikors, il-forma li jiehu dan ir-rikors hi ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur.
Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, u kif gustament sottomess mis-socjetà attrici, l-Artikolu 789(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta invokat mis-socjetà konvenuta in sostenn ta' l-eccezzjoni in ezami ma jsibx applikazzjoni. Sabiex tali artikolu tal-Ligi jkollu effett jehtieg jirrizulta li *l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità*

*essenzjali mehtiega mill-Ligi, u mhux 'semplici' ksur tal-forma preskritta*[4] – u fil-kaz sotto esame li tirrizulta wahda u tanto meno l-ohra!

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta fir-Risposta taghha tal-5 ta' April 2010, ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att promotur sollevata mis-socjetà konvenuta fir-Risposta tal-5 ta' April 2010 u tordna l-prosegwiment tal-kawza; bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] K.B. Real Estate Limited v. Silvio Felice Limited, Citaz. Nru. 484/02, deciza fit-13 ta' Marzu 2003.